**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Att dwar Ġieh ir-Repubblika, sabiex jipprovdi għaż-żieda fin-numru ta' membri fix-Xirka, sabiex jiġu riveduti l-Gradi tal-Ordni, sabiex jinbidel in-numru ta' midalji li jistgħu jingħataw u sabiex jiġi rivedut in-numru ta' ġrajjiet nazzjonali li jiġu mfakkra permezz tal-ħruġ ta' midalji.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2013 li jemenda l-Att dwar Ġieh ir-Repubblika, u dan l-Att għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Ġieh ir-Repubblika, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 251.

**2.** L-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-President ta' Malta jista' jaħtar bħala mseħbin tax-Xirka mhux iżjed minn tliet persuni kull sentejn.";

(b) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jitħassru; u

(ċ) is-subartikoli (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2) u (3) rispettivament.

Emendta tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) mhux iktar minn żewġ persuni jinħatru Kumpannji tal-Ordni f'kull sena;";

(b) il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostiwit b'dan li ġej:

"(ċ) mhux iktar minn tliet persuni jinħatru Uffiċjali tal-Ordni f'kull sena;";

(ċ) il-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) mhux iktar minn għaxar persuni jinħatru membri ordinarji tal-Ordni f'kull sena.";

(d) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(e) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3);

(f) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li gej:

"(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) ma japplikawx għall-ħatriet ta' membri onorarji.";

(g) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (5); u

(h) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Il-President ta' Malta jista' jagħti l-ħatra ta' Kumpann tal-Unur tal-Ordni ukoll lil persuna li tkun mietet li tkun serviet bħala Aġent President ta' Malta għal perjodu ta' mhux inqas minn sena li matulu l-uffiċċju tal-President ta' Malta kien vakanti.".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

**4.** L-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostiwit b'dan li ġej:

"(1) Il-President ta’ Malta jista’ jagħti l-"Midalja għall-Qadi tar-Repubblika" lil mhux iżjed minn għaxar ċittadini Maltin f’kull sena.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2); u

(d) is-subartikolu (2) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"(2) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1), ma għandha titqies ebda għotja magħmula fuq bażi onorarja.".

**5.** Is-subartikolu (3) tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej: Emenda tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali.

"(3) Ma għandhomx jitfakkru aktar minn erba’ ġrajjiet nazzjonali bil-ħruġ ta’ midalji f’perjodu ta’ għaxar snin, u dawk il-midalji għandhom jinħarġu sabiex ifakkru l-ġrajja nazzjonali nnifisha u l-anniversarji ta’ importanza tagħha.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għanijiet u r-raġunijiet ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi huma sabiex jiżdied in-numru ta’ membri fix-Xirka, sabiex jiġu riveduti l-Gradi tal-Ordni, sabiex jinbidel in-numru ta’ midalji li jistgħu jingħataw u sabiex jiġi rivedut in-numru ta’ ġrajjiet nazzjonali li jiġu mfakkra permezz tal-ħruġ ta’ midalji.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the* Ġieh ir-Repubblika *Act in order to provide for the increase in the number of members of the Xirka, to revisit the Grades of the Order, to amend the number of medals awarded and to revise the number of national events which shall be commemorated by the striking of medals.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title.

Cap. 251.

**1.** The short title of this Act is the *Ġieh ir-Repubblika* (Amendment) Act, 2013, and this Act shall be read and construed as one with the *Ġieh ir-Repubblika* Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of article 4 of the principal Act.

**2.** Article 4 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) subarticle (1) thereof shall be substituted by the following:

"(1) The President of Malta may appoint as members of the *Xirka* not more than three persons every two years.";

(b) subarticles (2) and (3) thereof shall be deleted; and

(c) subarticles (4) and (5) therof shall be renumbered as subarticles (2) and (3) respectively.

**3.** Article 8 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of article 8 of the principal Act.

(a) paragraph (b) of subarticle (2) thereof shall be substituted by the following:

"(b) not more than two persons shall be appointed Companions of the Order in each year;";

(b) paragraph (c) of subarticle (2) thereof shall be substituted by the following:

"(c) not more than three persons shall be appointed Officers of the Order in each year;";

(c) paragraph (d) of subarticle (2) thereof shall substituted by the following:

"(d) not more than ten persons shall be appointed ordinary members of the Order in each year.";

(d) subarticle (3) thereof shall be deleted;

(e) subarticle (4) thereof shall be renumbered as subarticle (3);

(f) subarticle (5) thereof shall be substituted by the following:

"(4) The provisions of subarticles (2) and (3) shall not apply to appointments of honorary members.";

(g) subarticle (6) thereof shall be renumbered as subarticle (5); and

(h) immediately after the subarticle (5) thereof, as renumbered, there shall be added the following new subarticle:

"(6) The President of Malta may award the honour of Companion of Honour of the Order even posthumously to a person who shall have served as Acting President of Malta for a period of not less than one year when the office of the President of Malta was vacant.".

**4.** Article 12 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of article 12 of the principal Act.

(a) subarticle (1) thereof shall be substituted by the following:

"(1) The President of Malta may award the "Midalja għall-Qadi tar-Repubblika" to not more than ten Maltese citizens in any year.";

(b) subarticle (2) thereof shall be deleted;

(c) subarticle (3) thereof shall be renumbered as subarticle (2); and

(d) subarticle (2) thereof, as renumbered, shall be substituted by the following:

"(2) For the purposes of subarticle (1), no account shall be taken of any award made on an honorary basis.".

Amendment of article 15 of the principal Act.

**5.** Subarticle (3) of article 15 of the principal Act shall be substituted by the following:

"(3) No more than four national events shall be commemorated by the striking of medals in any period of ten years, and such medals shall only be struck to mark the national event itself, and its anniversaries of importance.".

---

## Objects and Reasons

The object of this Bill is to increase the number of members of the *Xirka*; to revisit the Grades of the Order; to amend the number of medals awarded and to revise the number of national events which shall be commemorated by the striking of medals.